MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2010

Numru. 1270/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Glenn Vella**

Kumpilazzjoni Nru: 1270/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Glenn Vella, ta’ 29 sena, iben John u Luigia nee’ Camilleri, imwieled San Giljan nhar il-21 ta’ Lulju, 1980 u residenti fil-fond ‘Maple Leaf’, Triq Dun Frans Camilleri San Gwann a u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 434780M.

Akkuzat talli fit-23 ta' Novembru, 2009 u fil-gimghat ta' qabel din id-data, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li ksur l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda, ai termini ta' l-artikolu 18 tal-Ligijiet ta' Malta Kapitolu 9 u cioe

F' San Gwann, fit-23 ta' Novembru, 2009 u fil-gimghat ta' qabel din id-data, kkommetta diversi serqiet ta' antikitajiet (valur total ta' madwar €33,000) mill-fond nru.1, sitwat fi Triq taz-Zwejt, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi s-somma ta' €2328.37 u li sehh ghad-detriment ta' Maria Luisa Farrugia u/jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess perijodu u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, f' Malta, naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppreseduta mill-Magistrat Dr A Mizzi LL.D, b' digriet ta' dik l-istess Qorti moghti nhar is-27 t' Awwissu 2009 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet waqt li kien mehlus mill-arrest;

Kif ukoll talli sar recidiv b' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi.

Finalment gie akkuzat ukoll talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospieza mghotija lilu mill-Magistrat Dr S Meli nhar it-12 ta' Novembru 2009.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

a) 18, 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 278(1)(3), 279(b), 280(2), 281(a);
b) 28A, 28B, u 28C;
c) 579(1)(2);
d) 49, 50 u 289;
e) 17, 18, 23, 31, u 533.

Rat li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma fit-3 ta’ Frar 2010 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u waqt l-udjenza mizmuma f’24 ta’ Mejju 2010 l-imputat kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. Bla dubbju l-ewwel fattur li ttiehed in konsiderazzjoni huwa n-natura tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati. Fatturi ohra li huma ukoll determinanti huma l-fedina penali ta’l-imputat li hija wahda refrettarja u n-nuqqas ta’l-imputat li juzufruwixxi mill-opportunitajiet li taghtu l-Qorti biex jirriabilita ruhu, tant li lanqas l-ahhar tentattiv biex jsegwi programm ta’ riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga ma wassal imkien u l-imputat rega’ telaq mill-programm. Huwa relevanti ukoll li r-reati odjerni gew kommessi ghaxart ijiem wara li l-imputat instab hati ta’ serq u nghata sentenza sospieza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 28A, 28B, 28C, 49, 50, 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 278(1)(3), 279(b), 280(2), 281(a), 289 u 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija. Il-Qorti, fil-waqt li tirreferi ghas-sentenza datata 12 ta’ Novembru 2009 mghotija fil-konfront ta’l-imputat, b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 qed iddahhal fis-sehh il-perjodu ta’ sitt xhur prigunerija imposti permezz ta’ dik is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------